MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta tas-27 ta' Marzu, 2007

Talba Numru. 88/2007

**Talba Nru: 88/07PBC**

**Godwin Mercieca Grech (I.D. No 207261 (M) )**

**Vs**

**Kenneth u Sera konjugi Vassallo**

## It-Tribunal

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-attur talab il-hlas tas-somma ta' hamsa u disghin lira Maltin u tmienja u tmenin centezmu (Lm95.88c) rapprezentanti bilanc minn somma akbar prezz ta' servizzi ta' fotografija moghtija mill-attur fuq struzzjonijiet tal-konvenuti.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuti gew debitament notifikati bl-Avviz, ma kkontestawx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehru ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.
Ra n-Nota ta' Cessjoni tas-sorte pprezentata fis-6 ta' Marzu, 2007 li permezz taghha l-attur ceda s-sorte stante pagament fil-mori tal-kawza izda zamm ferm il-kap ta' l-ispejjez.

Ra l-Kapitolu fuq il-kap ta' l-ispejjez li gie pprezentat mill-attur u l-fatt li l-konvenuti naqsu li jidhru sabiex jirrisponduh, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant it-Tribunal jilqa' t-talba fuq il-kap ta' l-ispejjez u jikkundanna lill-konvenuti jhallsu l-ispejjez tal-kawza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------